# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.10: Kif ser inħobbu tassew**



**L-Għanijiet:**

It-tfal:

a) Japprezzaw lil xulxin bħala ħbieb.

b) Jaħdmu biex jieħdu kura ta' xulxin.

c) Jifhmu l-bżonn li jridu jċedu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Party Hats għall-introduzzjoni.
- Xi tip ta' premjijiet ( xi stampa ta' tpinġija, bookmark eċċ)
- Powerpoint – stampi ta' persuni juru mħabba lejn xulxin.
- Diska: *Jesus loves the little children.*



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Spjega kif illum ħa nibdew b'logħba li ħa tgħallimna lezzjoni importanti.
- Agħti *party hat* lit-tfal u stedinhom ikunu jafu eżatt il-kulur tal-*party hat* tagħhom.
- Għid lill-istudenti jinġabru fil-grupp skont il-kulur tal-*party hat*, ħodor għalihom, eċċ.
- Għajjat lil dawk l-istudenti li għandhom il-*party hat* tagħhom isfar. Agħti lil dawn l-istudenti xi tip ta' premju ċkejken. Spjega li inti ddeċidejt li tagħti din ix-xi ħaġa lil dawn it-tfal, mhux għax għamlu xi ħaġa speċjali imma għax inti tħobb il-kulur isfar.
- Ħalli t-tfal jagħmlu r-reazzjoni tagħhom.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Jekk it-tfal ma jagħmlu l-ebda reazzjoni, għaddi l-kumment: Hu sew li jiġri hekk? U għaliex?
- Oħroġ il-punt li l-istudenti bil-kappell isfar qed iħossuhom tajbin waqt li l-oħrajn qed iħossuhom imdejqin.
- Fakkar allura li meta nittrattaw lil xulxin differenti jkun hemm min iħossu tajjeb, iżda jkun hemm min iħossu qalbu sewda u rrabjat ukoll.
- Qassam il-bqija tal-premjijiet bħal tal-oħrajn lill-bqija tal-klassi.

- Spjega kif irridu naċċettaw lil xulxin b'dak kollu li għandna halli nżommu l-paċi u fl-istess ħin ma nwarrbu lil ħadd.
- Enfasizza l-punt li xi kultant irridu wkoll inċedu xi affarijiet milli jkollna biex nagħtuhom lil ħaddieħor.
- Uri l-*powerpoint* fejn hemm stampi ta' persuna differenti juru mħabba lejn xulxin.
- Spjega lit-tfal kemm tkun sabiħa l-ħajja kieku nkunu dejjem hekk ma' xulxin. Iddiskuti dawn l-istampi mat-tfal.
- Agħlaq il-lezzjoni billi terġa' turi t-tfal id-diska: *Jesus loves the little children of the world*. It-tfal jistgħu ikantaw mar-ritornell ta' din id-diska minħabba li diġà jafuha.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Il-ħbieb iħobbu lil xulxin.
2. Jieħdu kura ta' xulxin meta jaqsmu li għandhom mal-oħrajn.
3. Jgħidu 'aħfirli' fil-pront u bil-qalb.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Nittrattaw lil xulxin tajjeb u bl-edukazzjoni. Ejja nibdew mil-lum.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Diksa: *Jesus loves the little children of the world*



**Nitolbu**



Ġesu' għinni u fakkarni biex nitratta lil kulħadd kif nixtieq li kulħadd jittratta lili.